**15 ta' Diċembru, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino, B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Carmelo Bonello

*versus*

Albert Mizzi għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Leisure Properties (Malta) Limited u għal kwalunkwe interess li jista' jkollha l-assenti *Rachel Leah armla mit-Tabib Isaac Lipsedge* u b'*digriet ta'* l-1 ta' Marzu, 1989 ġew nominati bħala kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Rachel Leah armla Lipsedge l-Avukat Dottor Mark Chetcuti u l-Prokuratur Legali Marie Paris u b'nota tat-30 ta' Ottubru, 1997, l-atti ġew assunti mis-soċjetà Mizzi Associated Enterprises Limited stante rifużjoni tas-soċjetajiet

**Appell - Deżerzjoni ta' - Artikolu 963 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili**

*Deċiżjoni fuq eċċezzjoni ta' l-appellat fis-sens li l-appell kellu jiġi ddikjarat deżert għaliex skada it-terminu perentorju ta' sena mingħajr ma' l-appellat ġie notifikat bl-att promotrju ta' l-appell - allura petizzjoni.*

*Il-Qorti ma setgħetx tistabbilixxi jekk fit-terminu l-appellat kienx notifikat jew le għaliex ma kienx hemm riferta minkejja li l-ħlas kien sar u għalhekk il-Qorti ddeċidiet illi l-kawża tista' terġa' titqiegħed mal-kawżi li l-proċeduri kienu għadhom mhux magħluqa, li konsegwentement ma kienx hemm deżerzjoni ta' l-appell u l-kawża tħalliet għat-trattazzjoni fil-meritu.*

Il-Qorti:-

Fir-risposta ta' l-appell, l-appellat Carmelo Bonello qed jeċċepixxi illi l-appell jinsab deżert *ai termini* ta' l-artikolu 963 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili stante illi skada t-terminu perentorju ta' sena mill-preżentata tal-petizzjoni ta' l-appell mingħajr ma' l-appellat ġie notifikat bl-

istess petizzjoni;

Bħala fatt jirriżulta illi l-appell ġie intavolat fis-17 ta' Diċembru, 1993 u li sal-jum meta l-Qorti appuntat l-appell għall-ewwel smigħ fl-4 ta' Novembru, 1996, l-appellat kien għadu ma ġiex notifikat bil-petizzjoni. Fil-fatt id-digriet li bih ġie ordnat il-ħruġ ta' l-avviż għas-smigħ f'dik il-ġurnata ġie degretat fit-23 ta' Lulju, 1996 u dan ġie notifikat lil Carmelo Bonello fil-21 ta' Awissu, 1996. Fl-ewwel jum tas-smigħ ġie verbalizzat li sa dakinhar l-appellat kien għadu ma kienx notifikat bil-petizzjoni għalkemm kif ingħad kien ġie notifikat bid-data ta' l-ewwel jum tas-smigħ. Bħala fatt jirriżulta mir-riferta illi l-appellat kien ġie notifikat bl-att tal-petizzjoni fil-31 ta' Jannar, 1997. Bħala fatt ukoll jirriżulta illi għalkemm l-appellant ħallas regolament għan-notifika ta' l-atti lill-appellat ma hemm l-ebda riferta, la posittiva u lanqas negattiva, li tevidenzja dan il-fatt. Mill-atti allura ma jirriżultax illi l-uffiċjali ta' din il-Qorti esiġew l-ordni lilhom mogħti biex jinnotifikaw l-atti u konsegwentement l-appellant ma kienx f'posizzjoni li jkun jaf jekk il-petizzjoni tiegħu kinitx jew le ġiet notifikata lill-appellat. Ma kienx f'posizzjoni li jivverifika jekk l-atti bil-miktub kinux jew le ġew regolament konklużi fiż-żmien statutorju;

Dan il-fatt waħdu fil-fehma ta' din il-Qorti jiġġustifika l-applikazzjoni tas-subinċiż (3) ta' l-artikolu 963 tal-Kap. 12 li jipprovdi li "*jekk instab li l-proċedura bil-miktub, f'kawża miġjuba fuq il-lista għas-smigħ mhux magħluqa, il-Qorti tista' tordna li dik il-kawża terġa' tiġi imqiegħda mal-kawżi li l-proċeduri tagħhom bil-miktub ikunu għadhom mhux magħluqa u tiffissa għall-egħluq ta' dik il-kawża żmien perentorju ta' mhux aktar minn xahar*". Din il-Qorti nfatti tifhem illi n-nuqqas ta' riferta mill-uffiċjal esekuttiv tal-Qorti - li hi tiddeplora - poġġiha f'sitwazzjoni fejn hi stess ma setgħetx tiddetermina jekk il-proċeduri bil-miktub kinux jew le ġew konkjużi u

b'konsegwenza ta' dan il-Qorti ma kellhiex alternattiva oħra ħlief li tiddikjarahom li ma kinux magħluqa. Jiġifieri f'dan il-każ il-Qorti kienet tenuta li tipproċedi skond is-subinċiż (3) ta' l-artikolu 963 u ma kinitx b'daqshekk qed teżerċita sempliċement fakoltà li l-liġi tagħtiha favur li jiġu salvati l-proċeduri;

Għandu jiġi nnotat li din il-Qorti, *kif jidher mill-verbali proċesswali*, sal-lum kienet għadha ma applikatx dan is-subinċiż (3) proprju minħabba l-inċertezza f'*materja* ta' notifika u pposponiet id-deliberazzjoni tal-kwistjoni tad-deżerzjoni sollevata mill-appellat biex qabel xejn taċċerta ruħha li l-istess appellat ikun debitament notifikat bl-atti kollha. Haġa li issa saret;

Mir-risposta ta' l-appellat għall-petizzjoni ta' l-appellant ġie definittivament stabbilit mill-Qorti illi l-appellat ma kienx qabel ġie notifikat bl-atti nonostante li tali notifika kienet ġiet imħallsa mill-appellant. Lanqas jirriżulta li tali notifika kienet ġiet tentata b'eżitu negattiv. Din il-Qorti allura tista' liberament bl-applikazzjoni tas-subinċiż (3) ta' l-artikolu 963 tordna li l-kawża terġa' tiġi mqiegħda mal-kawżi li l-proċeduri tagħhom bil-miktub kienu għadhom mhux magħluqa u kkunsidrat li n-notifika ġie issa ppruvat li saret regolarment, tiddikjara li l-proċeduri bil-miktub ġew konkjużi skond il-liġi. Dana mingħajr il-ħtieġa li takkorda terminu ulterjuri għal fini tan-notifika;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi li ma hemmx lok għad-deżerzjoni ta' l-appell u tordna li dan jitħalla għat-trattazzjoni u deċiżjoni fil-meritu. L-ispejjeż ta' dan l-inċident jibqgħu riservati għall-ġudizzju finali.